MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Rikors Numru. 1167/2009

**Maria Nicolette Cauchi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2009 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

1. Illi hija twieldet nhar it-28 ta' Ġunju 1977 mill-ġenituri Victor u Grazia, aħjar imsejħa Mary Grace, Bonavia nee' Xuereb;

2. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti li jġib id-data ta' 30 ta' Ġunju 1977, omm ir-rikorrenti hija erronjament identifikata bħala Ingrid Bonavia nee' Xuereb (Dok. A);

3. Illi dan l-istess żball huwa għal darb' ohra ndikat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrenti li jġib in-numru 754/2002 (Dok. B);

4. Illi d-dettalji korretti ta' omm ir-rikorrenti jirriżultaw miċ-ċertifikat tat-twelid ta' ommha (Dok. C) u taż-żwieġ bejn ommha u missierha, (Dok. D) u ċioe' Grazia *sive* Mary Grace Bonavia nee' Xuereb bin Maria u Bartolomeo Xuereb;

5. Illi d-dettalji ta' omm ir-rikorrenti fiċ-ċertifikat tat-twelid (Dok. A) għandhom ikunu l-istess dettalji illi jirriżultaw miċ-ċertifikat tat-twelid ta' ommha li jġib in-numru 1159/1951 (Dok. C);

6. Illi peress illi l-artikolu 253(1) jagħti l-fakolta illi ssir talba lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex issir korrezzjoni f'att ċivili;

Għaldaqstant bil-premess, ir-rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi ċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti huwa żbaljat fl-indikazzjoni ta' isem l-omm ir-rikorrenti u ċioe' illi l-isem ta' omm ir-rikorrenti fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti għandu jinqara Grazia Bonavia nee' Xuereb u mhux Ingrid Bonavia nee' Xuereb, u dan kif jirriżulta mill-att tat-twelid ta' omm ir-rikorrenti li jġib in-numru 1159/1951;

2. Tiddikjara illi ċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrenti huwa daqstant żbaljat fl-indikazzjoni ta' omm ir-rikorrenti fuq l-istess ċertifikat taż-żwieġ, u ċioe' illi isem omm ir-rikorrenti għandu jinqara Grazia Bonavia nee' Xuereb u mhux Ingrid Bonavia nee' Xuereb skond l-att ta' twelid numru 1159/1951;

3. Tordna illi l-isem ta' "Ingrid Bonavia nee' Xuereb" fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti datat 30 ta' Ġunju 1977, kif ukoll dak iċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrenti li jġib in-numru 754/2002 għandu jiġi korrett għal

dak ta' "Grazia Bonavia nee' Xuereb" kif jirriżulta mill-att tat-twelid ta' omm ir-rikorrenti numru 1159/1951.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fis-16 ta' Diċembru 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li tal-anqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok dwar il-mertu l-esponent jissottometti li t-talbiet rikorrenti jidhru li huwa ġustifikati għaliex hu minnu li isem omm ir-rikorrenti huwa Grazia u mhux Ingrid, dan kif wara kollox jirriżulta mill-att tat-twelid ta' Grazia Xuereb (illum miżżewġa Bonavia) li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 1159 tas-sena 1951 (Ara Dok. DRP1). Għalhekk hemm lok li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 3080/1977 u fl-att taż-żwieġ numru 754/2002 it-tnejn li huma appartenenti lir-rikorrenti;

3. Illi madanakollu l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jigi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, speċjalment tenut kont tal-fatt li fir-rigward tal-att tat-twelid numru 3080/1977 (Ara Dok. DRP 2) kien missier ir-rikorretnni li kien iddikjara li isem martu kien Ingrid u mhux Grazia u tabilħaqq kien anke bil-firma tiegħu eliċita l-kunsens tiegħu li l-informazzjoni li kien hemm kontenuta fl-att tat-twelid kienet waħda korretta, filwaqt li fil-konfront tal-att taż-żwieġ numru 754/2002 (ara Dok. DRP3) kienet ir-rikorrenti stess li ffirmat l-att u għalhekk kien messha nfurmat lill-uffiċjal inkarigat li kien hemm żball f'isem ommha;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata billi omm ir-rikorrenti jisimha Grazia u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Ma jidhirx pero' illi il-konvenut jaħti għall-iżball (jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk) u ma għandhux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------